



2024/1840

4.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1840

tas-27 ta' Ġunju 2024

li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1197, (UE) 2022/918 u (UE) 2022/1092, fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li jħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1), 9(2), 10(5), 10(6), 17(6) u 18(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ stabbilixxa klassifikazzjoni tal-istatistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ("NACE Rev. 2"), li bdiet tapplika fl-1 ta' Jannar 2008.
- (2) Wara li bdiet tapplika n-NACE Rev. 2, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu progressivament il-mod li bih ħafna attivitajiet ekonomiċi jipprovdu l-oġġetti u s-servizzi madwar id-dinja.
- (3) Bħala riżultat ta' dawk il-bidliet, in-NACE Rev. 2 kellha tiġi aġġornata, biex tibqa' konsistenti mal-istandards għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati fil-livell internazzjonali u b'hekk tinżamm il-komparabbiltà internazzjonali tal-istatistika Ewropea. Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137⁽³⁾ emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 u stabbilixxa l-klassifikazzjoni aġġornata ("NACE Rev. 2.1").
- (4) Biex l-utenti jkunu jistgħu jivvalutaw il-bidliet dettaljati tal-kontenut fil-klassifikazzjoni NACE Rev. 2, u biex iqabblu dik il-verżjoni tal-klassifikazzjoni man-NACE Rev. 2.1, ġiet pprovduta tabella ta' korrispondenza⁽⁴⁾ għall-utenti tal-klassifikazzjoni fl-1 ta' Awwissu 2023, flimkien ma' xi noti ta' spjegazzjoni⁽⁵⁾.
- (5) Il-korp kbir ta' leġiżlazzjoni li jistabbilixxi r-rekwiżiti tat-trażmissjoni tad-*data* li jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tan-NACE Rev. 2 jinkludi r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1197⁽⁶⁾, (UE) 2022/918⁽⁷⁾ u (UE) 2022/1092⁽⁸⁾. Dawk l-atti jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tagħhom ikunu kompatibbli man-NACE Rev. 2.1.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2152/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj).

⁽⁴⁾ <https://europa.eu/!f6H9nX>.

⁽⁵⁾ <https://europa.eu/!FNRRFFB>.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1197 tat-30 ta' Lulju 2020 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li jħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 271, 18.8.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1197/oj).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/918 tat-13 ta' Ġunju 2022 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett Katini ta' Valur Globali skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 159, 14.6.2022, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/918/oj).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1092 tat-30 ta' Ġunju 2022 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett "Innovazzjoni" skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 1.7.2022, p.10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1092/oj).

- (6) Biex tiġi appoġġata l-bidla min-“NACE Rev. 2 oriġinali”, jiġifieri n-NACE Rev. 2 kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 fil-verżjoni tiegħu qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2023/137, għan-NACE Rev. 2.1, id-data miġbura skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1197 jenħtieġ li tiġi rrapportata kemm abbażi tan-NACE Rev. 2 oriġinali kif ukoll tan-NACE Rev. 2.1 (“rapportar doppju”). Dan ir-rapportar doppju jenħtieġ li jitwettaq għas-sena ta' referenza 2025. Fir-rigward tal-istatistika tan-negozju għat-terminu qasir, ir-rapportar doppju jenħtieġ li jitwettaq ukoll, qabel l-implimentazzjoni (il-kalkolu mill-ġdid tal-istatistika billi tintuża s-sena bażi l-ġdida) tas-sena bażi 2025, għas-sena ta' referenza 2026 u 2027.
- (7) Sabiex jaqdu l-bżonnijiet tal-produtturi tal-istatistika tan-negozju u biex jiżguraw ir-rwol awtorevoli tar-reġistri tal-istatistika tan-negozju, jenħtieġ li r-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u r-Reġistru EuroGroups jipprovdu lill-utenti b'kodifikazzjoni doppja kemm skont in-NACE Rev. 2 oriġinali kif ukoll skont in-NACE Rev. 2.1 tal-inqas għas-sena ta' referenza 2025. Il-kodifikazzjoni doppja għal snin addizzjonali jew metodi oħra ta' appoġġ jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali abbażi ta' ftehim mal-utenti nazzjonali.
- (8) Sabiex tittejjeb il-kwalità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1197, jenħtieġ li t-Tabella 21, it-Tabella 23 u t-Tabella 30 tal-Anness I tiegħu jiġu emendati fir-rigward taċ-ċarezza tad-diżaggregazzjoni, tal-kopertura tal-klassi tad-daqs tal-popolazzjoni statistika u tad-diżaggregazzjoni reġjonali, rispettivament.
- (9) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-istatistika Ewropea, jenħtieġ li f'każijiet fejn ma jsirx rapportar doppju, jkompli jsir ir-rapportar lill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-ispeċifikazzjonijiet ibbażati fuq NACE Rev. 2 oriġinali sakemm jibdw japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet ibbażati fuq in-NACE Rev. 2.1.
- (10) Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data dwar il-ktajjen ta' valur mondjali maż-żmien, id-data msemija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/918 u relatata mal-ewwel perjodu ta' referenza obligatorju (2021–2023) jenħtieġ li tiġi rrapportata abbażi tan-NACE Rev. 2.1 (“backcasting”). Ir-rapportar supplementari li jirriżulta jenħtieġ li jkun għal finijiet ta' informazzjoni u metodoloġiċi biss u ma għandu jaffettwa l-ebda sitwazzjoni li tirriżulta mit-trażmissjoni awtorevoli tad-data għall-perjodu ta' referenza 2021–2023 abbażi tan-NACE Rev. 2 oriġinali. Il-backcasts għall-2021–2023 jenħtieġ li jiġu pprovduti sat-30 ta' Settembru 2029 (12-il xahar wara l-iskadenza tat-trażmissjoni għall-perjodu ta' referenza 2024–2026).
- (11) Il-konformità mal-klassifikazzjoni aġġornata jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa minnufih, peress li huwa meħtieġ ċertu perjodu ta' żmien biex il-fornituri tad-data jkun jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda. Ta' min ifakkar li d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2023/137 li jstabbilixxi n-NACE Rev. 2.1 ġiet differita għall-1 ta' Jannar 2025, b'għadd ta' derogi speċifiċi. Għalhekk jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun differita wkoll.
- (12) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1197, (UE) 2022/918 u (UE) 2022/1092 jiġu emendati skont dan.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1197

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1197 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

“Artikolu 11a

Miżuri tranżizzjonali dwar ir-rapportar doppju u l-kodifikazzjoni doppja

1. Għas-sena ta' referenza 2025, l-Istati Membri għandhom, minbarra r-rapportar abbażi tan-NACE Rev. 2.1, jużaw in-NACE Rev. 2 kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) fil-verżjoni tiegħu qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 (**). (“NACE Rev. 2 oriġinali”) biex jikkompilaw u jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-data tal-perjodiċità annwali li huma msemija fit-tabelli li ġejjin tal-Anness I, il-Parti B:

- (a) tabella 10. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar l-attivitajiet tal-intrapriżi;
- (b) tabella 11. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar l-attivitajiet tal-intrapriżi diżaggregati skont il-klassijiet tad-daqs jew diżaggregati skont il-forma ġuridika;
- (c) tabella 12. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar eventi demografiċi għall-intrapriżi;
- (d) tabella 13. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar l-intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir;
- (e) tabella 14. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar l-intrapriżi skont il-pajjiż li jkollu l-kontroll aħħari;
- (f) tabella 15. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż u affiljati domestiċi attivi fil-pajjiż rapportatur;
- (g) tabella 17. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar il-kummerċ tas-servizzi skont il-karatteristiċi tal-intrapriżi (STEC) — *data* annwali;
- (h) tabella 18. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar in-nefqa intramurali fuq ir-R&Ż, għad-diżaggregazzjonijiet li ġejjin:
 - il-punt 5. 'Diżaggregazzjoni skont l-attività (għas-settur tal-intrapriżi tan-negozju biss)';
 - il-punt 6. 'Diżaggregazzjoni skont l-orjentazzjoni tal-industrija (għas-settur tal-intrapriżi tan-negozju biss) (fakultattiva)';
- (i) tabella 19. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar l-impjegi fir-R & Ż, għad-diżaggregazzjonijiet li ġejjin:
 - il-punt 6. 'Diżaggregazzjoni skont l-attività';
 - il-punt 8. 'Diżaggregazzjoni skont l-attività u l-ġeneru';
- (j) tabella 20. Statistika fil-livell tal-pajjiż dwar ir-R&Ż b'finanzjament pubbliku;
- (k) tabella 21. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar ix-xirjiet mill-intrapriżi (*data* annwali biss);
- (l) tabella 22. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar bidliet fl-istokk tal-intrapriżi;
- (m) tabella 26. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar il-produzzjoni industrijali;
- (n) tabella 27. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiż dwar l-investimenti f'assi mhux kurrenti tanġibbli mill-intrapriżi;
- (o) tabella 33. Statistika dwar l-attivitajiet internazzjonali — kontroll mill-unitajiet istituzzjonali tal-pajjiż rapportatur dwar l-intrapriżi barra mill-pajjiż.

Id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 12-il xahar mill-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* stabbiliti fit-tabelli rispettivi tal-Anness I, il-parti B 'Elementi tar-rekwiżiti tad-*data*'.

2. Għas-snin ta' referenza 2025, 2026 u 2027, l-Istati Membri għandhom, minbarra r-rapportar abbażi tan-NACE Rev. 2.1, jużaw in-NACE Rev. 2 oriġinali biex jikkompilaw u jittrażmettu, lill-Kummissjoni (Eurostat), id-*data* li hemm referenza għaliha fit-tabelli li ġejjin tal-Anness I, il-Parti B sal-iskadenzi stabbiliti fihom:

- (a) tabella 1. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar il-popolazzjoni tan-negozji;
- (b) tabella 2. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar l-impjegi;
- (c) tabella 3. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar is-sigħat maħduma u l-pagi u s-salarji;
- (d) tabella 5. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar il-prezzijiet tal-produtturi;
- (e) tabella 6. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar il-produzzjoni (volum);
- (f) tabella 7. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar il-volum tal-bejgħ;
- (g) tabella 8. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar il-fatturat nett (valur);

3. Għas-sena ta' referenza 2025, l-Istati Membri għandhom jassenjaw il-kodċijiet tal-attività lill-unitajiet tal-istatistika fir-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju msemmija fl-Anness VIII f'konformità kemm man-NACE Rev. 2 oriġinali kif ukoll man-NACE Rev. 2.1.

4. Għas-sena ta' referenza 2025, l-Istati Membri għandhom, minbarra r-rapportar abbażi tan-NACE Rev. 2.1, jużaw in-NACE Rev. 2 oriġinali biex jikkompilaw u jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-*data* tal-perjodiċità annwali li huma msemmija fit-tabelli li ġejjin tal-Anness IX, it-Taqsima 3, il-Parti A:

(a) tabella skont il-punt 2.4. 'Skambju ta' *data* dwar l-intrapriżi residenti li jappartjenu għall-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali';

(b) tabella skont il-punt 2.6. 'Skambju ta' *data* dwar il-korrezzjoni tal-istrutturi tal-grupp u tal-varjabbli dwar il-gruppi tal-intrapriżi multinazzjonali'.

5. Għas-sena ta' referenza 2025 u għall-finijiet tal-użu tar-Reġistru EuroGroups imsemmi fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/2152, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, minbarra r-rapportar abbażi tan-NACE Rev. 2.1, tuża n-NACE Rev. 2 oriġinali biex tikkompila u tittrażmetti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri u tista' tittrażmetti lill-banek ċentrali nazzjonali u lill-Bank Ċentrali Ewropew, esklużivament għal finijiet statistiċi, id-*data* tal-perjodiċità annwali li huma msemmija fit-tabelli li ġejjin tal-Anness IX, it-Taqsima 3, il-Parti C:

(a) tabella 2. Grupp ta' intrapriżi;

(b) tabella 3. Intrapriża.

6. Għas-sena ta' referenza 2025 u għall-fini tal-produzzjoni tar-Reġistru EuroGroups, il-Kummissjoni għandha, minbarra r-rapportar abbażi tan-NACE Rev. 2.1, tuża n-NACE Rev. 2 oriġinali biex tikkompila u tittrażmetti lill-persunal kompetenti li jikkontribwixxi għall-produzzjoni tar-Reġistru Eurogroups fl-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri d-*data* tal-perjodiċità annwali li huma msemmija fit-tabelli li ġejjin tal-Anness IX, it-Taqsima 3, il-Parti D:

(a) tabella 2. Grupp ta' intrapriżi;

(b) tabella 3. Intrapriża.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj>).

(**) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj).";

(2) L-Anness I huwa emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(3) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(4) L-Anness III huwa emendat kif stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness IV huwa emendat kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(6) Fl-Anness VII, il-punt 3 "Arranġamenti tranżizzjonali" jiħassar.

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/918

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/918 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

“Artikolu 2a

Miżuri tranżizzjonali dwar il-backcasting

Għall-perjodu ta' referenza 2021–2023, u flimkien ma' kwalunkwe *data* diġà pprovduta abbażi tan-NACE Rev. 2 kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) fil-verżjoni tiegħu qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 (**) ('NACE Rev. 2 oriġinali'), l-Istati Membri għandhom jitrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-*data* dwar il-Ktajjen ta' Valur Mondjali msemija fl-Anness, abbażi tan-NACE Rev. 2.1. kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 emendat. Dik id-*data* għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2029.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj>).

(**) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj);

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1092

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1092 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness I huwa sostitwit bit-test tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament;
- (2) L-Anness III huwa sostitwit bit-test fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Applikazzjoni

- L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) u mingħandha, għall-perjodi ta' referenza li jibdew f'dik id-data jew wara.
- L-Artikolu 2, il-punt (2), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) għall-perjodi ta' referenza li jintemmu f'dik id-data jew wara.
- L-Artikolu 3 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-perjodi ta' referenza li jibdew f'dik id-data jew wara.

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1197, il-Parti B hija emendata kif ġej:

(1) it-tabelli 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Tabella 1. Statistika tan-negozju ta’ terminu qasir dwar il-popolazzjoni tan-negozji

Varjabbli	110101. Reġistrazzjonijiet 110102. Fallimenti
Unità tal-kejl	Valur assolut: mhux aġġustat
Popolazzjoni statistika	Attivitajiet tas-suq NACE Taqsimiet B sa O, u Q sa S u diviżjonijiet T95 u T96
Diżaggregazzjonijiet	Diżaggregazzjoni skont l-attività — Aggregati NACE Taqsimiet: — B + C + D + E, J + K, L + M + N + O, Q + R + S + T95 + T96 — NACE Taqsimiet: — F, G, H u I — Aggregat speċjali kif definit fl-Anness II.B: — Industrija, kostruzzjoni u servizzi (għajr l-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, is-sigurtà soċjali obligatorja, l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' sħubija, l-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u l-organizzazzjonijiet u korpi ekstrasettorjali)
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	T + 40 jum
L-ewwel perjodu ta' referenza bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-tabella	L-ewwel trimestru tal-2025, li jibda bit-trażmissjoni tad- <i>data</i> li timplimenta l-bidla tas-sena bażi għall-2025, f'konformità mal-Anness VII, il-punt 2

Tabella 2. Statistika tan-negozju ta’ terminu qasir dwar l-impjegi

Varjabbli	120101. Numru ta' impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom
Unità tal-kejl	Indiċijiet: mhux aġġustati
Popolazzjoni statistika	Attivitajiet tas-suq NACE Taqsimiet B, C, D, Diviżjoni E36, F, G, H sa N (minbarra L, N701, N72 u N75) u O
Diżaggregazzjonijiet	Diżaggregazzjoni skont l-attività Għall-pajjiżi kollha: — MIGs NACE Taqsimiet B, C, D u Diviżjoni E36 kif definit fl-Anness II.A; — Aggregati NACE Taqsimiet — B + C + D + E36, H + I + J + K + M + N (minbarra N701, N72, N75) + O; — NACE Taqsimiet: — B, C, D, F, G, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72, N75) u O;

	<p>— NACE Diviżjonijiet:</p> <p>— E36, G46, G47, u G47 (minbarra G473).</p> <p>Għall-pajjiżi medji u kbar kif definit fl-Anness III.A.2:</p> <p>— Barra minn hekk, Diviżjonijiet NACE Taqsimiet B, C u D.</p> <p>Għall-pajjiżi l-kbar kif definit fl-Anness III.A.2:</p> <p>— Barra minn hekk, Diviżjonijiet NACE Taqsimiet H, I, J u K.</p> <p>Id-diżaggregazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-pajjiżi medji u kbar huma fakultattivi għall-pajjiżi ż-żgħar (kif definit fl-Anness III.A.2).</p>
Użu ta' approssimazzjonijiet u rekwiżiti ta' kwalità	In-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom jista' jiġi approssimat bin-numru ta' impjegati.
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	T + xahrejn għal <i>data</i> (fakultattiva) kull trimestru jew kull xahar, għajr għal: <p>— Rekwiżiti għall-pajjiżi żgħar u medji: T + xahrejn + 15-il jum.</p>
L-ewwel perjodu ta' referenza bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-tabella	L-ewwel trimestru jew xahar (fakultattiv) tal-2025, li jibda bit-trażmissjoni tad- <i>data</i> li timplimenta l-bidla tas-sena bażi għall-2025, f'konformità mal-Anness VII, il-punt 2

Tabella 3. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar is-siġhat maħduma u l-pagi u s-salarji

Varjabbli	120201. Siġhat maħduma mill-impjegati 120301. Pagi u salarji
Unità tal-kejl	Indiċijiet: mhux aġġustati u aġġustati kalendarjament
Popolazzjoni statistika	Attivitajiet tas-suq NACE Taqsimiet B, C, D u Diviżjoni E36, NACE Taqsimiet F, G, H sa N (minbarra L, N701, N72 u N75) u O
Diżaggregazzjonijiet	<p>Diżaggregazzjoni skont l-attività</p> <p>Għall-pajjiżi kollha:</p> <p>— MIGs NACE Taqsimiet B, C, D u Diviżjoni E36 kif definit fl-Anness II.A;</p> <p>— Aggregati NACE Taqsimiet</p> <p>— B + C + D + E36, H + I + J + K + M + N (minbarra N701, N72, N75) + O;</p> <p>— NACE Taqsimiet:</p> <p>— B, C, D, F, G, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72, N75) u O;</p> <p>— NACE Diviżjonijiet:</p> <p>— E36, G46, G47, u G47 (minbarra G473).</p>

	<p>Għall-pajjiżi medji u kbar kif definit fl-Anness III.A.2:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Barra minn hekk, Diviżjonijiet NACE Taqsimiet B, C u D. <p>Għall-pajjiżi l-kbar kif definit fl-Anness III.A.2:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Barra minn hekk, Diviżjonijiet NACE Taqsimiet H, I, J u K. <p>Id-diżaggregazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-pajjiżi medji u kbar huma fakultattivi għall-pajjiżi ż-żgħar (kif definit fl-Anness III.A.2).</p>
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	<p>T + 3 xhur għal <i>data</i> (fakultattiva) kull trimestru jew kull xahar, għajr għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rekwiżiti għall-pajjiżi żgħar u medji fi: T + 3 xhur + 15-il jum.
L-ewwel perjodu ta' referenza bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-tabella	<p>L-ewwel trimestru jew xahar (fakultattiv) tal-2025, li jibda bit-trażmissjoni tad-<i>data</i> li timplimenta l-bidla tas-sena bażi għall-2025, f'konformità mal-Anness VII, il-punt 2."</p>

(2) it-tabelli 5 sa 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Tabella 5. Statistika tan-negozju ta’ terminu qasir dwar il-prezzijiet tal-produtturi

Varjabbli	<p>130201. Prezzijiet tal-produtturi 130202. Prezzijiet tal-produtturi domestiċi 130203. Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi 130204. Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (żona tal-euro) (fakultattivi għall-pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro) 130205. Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (mhux fiż-żona tal-euro) (fakultattivi għall-pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro)</p>
Unità tal-kejl	<p>Indiċijiet: mhux aġġustati</p>
Popolazzjoni statistika	<p>Għall-varjabbli 130201 (Prezzijiet tal-produtturi):</p> <ul style="list-style-type: none"> — Attivitajiet tas-suq NACE Taqsimiet B (minbarra B0721), C (minbarra C2446, C253, C301, C303 u C304), D u Diviżjoni E36, CPA 41.00.1 minbarra 41.00.14 (binjiet ġodda biss), NACE Taqsimiet H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O. <p>Għall-varjabbli 130202 (prezzijiet tal-produtturi domestiċi), 130203 (prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi), 130204 (prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (żona tal-euro)) u 130205 (prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (mhux fiż-żona tal-euro)):</p> <ul style="list-style-type: none"> — Attivitajiet tas-suq NACE Taqsimiet B (minbarra B0721), C (minbarra C2446, C253, C301, C303 u C304), D u Diviżjoni E36.
Diżaggregazzjonijiet	<p>Distribuzzjoni skont l-attività u l-prodotti</p> <p>Għall-pajjiżi kollha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — MIGs NACE Taqsimiet B (minbarra B0721), C (minbarra C2446, C253, C301, C303 u C304) u D u Diviżjoni E36 kif definit fl-Anness II.A;

	<ul style="list-style-type: none"> — Aggregati NACE Taqsimiet — B (minbarra B0721) + C (minbarra C2446, C253, C301, C303 u C304) + D + E36, H + I + J + K + M + N (minbarra N701, N72 u N75) + O; — NACE Taqsimiet: — B (minbarra B0721), C (minbarra C2446, C253, C301, C303 u C304), D, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O; — Diviżjoni E36 u Diviżjonijiet NACE Taqsimiet H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O; — CPA 41.00.1 minbarra 41.00.14 (binjiet ġodda biss). <p>Għall-pajjiżi medji kif definiti fl-Anness III.A.2:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Barra minn hekk, Diviżjonijiet NACE Taqsimiet B (minbarra B0721), C (minbarra C2446, C253, C301, C303 u C304) u D <p>Għall-pajjiżi l-kbar kif definiti fl-Anness III.A.2:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għall-pajjiżi medji u, barra minn hekk, għall-Gruppi u għall-Klassijiet NACE Taqsimiet C għall-varjabbli 130201 (prezzijiet tal-produtturi), 130202 (prezzijiet tal-produtturi domestiċi) u 130203 (prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi) (li jirrappreżentaw tal-anqas 90 % tal-valur miżjud tat-Taqsimiet C). <p>Id-diżaggregazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-pajjiżi medji u kbar huma fakultattivi għall-pajjiżi ż-żgħar; id-diżaggregazzjonijiet addizzjonali għall-pajjiżi l-kbar huma fakultattivi għall-pajjiżi medji (kif definiti fl-Anness III.A.2).</p>
Użu ta' approssimazzjonijiet u rekwiżiti ta' kwalità	<p>Ambitu tal-provvista tad-<i>data</i> għad-diżaggregazzjoni taż-żona tal-euro/mhux taż-żona tal-euro limitat minn skemi Ewropej ta' kampjunar għal pajjiżi speċifiċi kif speċifikat fl-Anness III.C.</p> <p>Il-kostijiet totali tal-kostruzzjoni (kostijiet materjali u kostijiet lavorattivi) jistgħu jintużaw bħala indikatur għall-prezzijiet tal-produtturi fil-kostruzzjoni (CPA 41.00.1 minbarra 41.00.14). Il-kostijiet li jikkostitwixxu komponenti tal-kostijiet tal-kostruzzjoni huma wkoll l-impjant u t-tagħmir, it-trasport, l-enerġija u kostijiet oħra (minbarra t-tariffi tal-arkitett).</p> <p>Indiċijiet ibbażati fuq prezzijiet effettivi tal-produtturi huma preferibbli. Jekk dawk ma jkunux disponibbli, jistgħu jintużaw approssimazzjonijiet għal H49, H50, H52, I55, I56, J58, J59, J60, M68, N74, O77, O79, O81 u O82. Il-prodotti (CPA) jistgħu jintużaw sabiex jiġu approssimati l-attivitajiet (NACE).</p> <p>L-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi tas-servizzi (SPPIs) huma Minn Negożju għal Kulħadd (Business-to-All, B2All). Meta s-sehem ta' tranżazzjonijiet ma' konsumaturi privati (B2C) ikun negliġibbli, l-SPPIs jistgħu jiġu approssimati b'indikaturi Minn Negożju għal Negożju (B2B).</p>

Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	<p>T + xahar għal <i>data</i> ta' kull xahar għal NACE B sa E36 meħtieġa;</p> <ul style="list-style-type: none"> — T + 3 xhur għan-NACE l-oħra kollha meħtieġa NACE u għas-CPA 41.00.1 (minbarra 41.00.14), għajr għal: pajjiżi ż-żgħar u medji għas-CPA 41.00.1 meħtieġa (minbarra 41.00.14), id-<i>data</i> trimestrali u ta' kull xahar (fakultattiva) fi: T + 3 xhur + 15-il jum.
L-ewwel perjodu ta' referenza bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-tabella	<p>L-ewwel trimestru jew xahar (fakultattiv) tal-2025, li jibda bit-trażmissjoni tad-<i>data</i> li timplimenta l-bidla tas-sena bażi għall-2025, f'konformità mal-Anness VII, il-punt 2.</p> <p>Għall-Istati Membri li jissieħbu fiż-żona tal-euro wara Diċembru 2024, huma meħtieġa l-varjabbli 130204 (Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (żona tal-euro)) u 130205 (Prezzijiet tal-produtturi mhux domestiċi (mhux fiż-żona tal-euro)) mill-bidu tas-sena tad-dħul fiż-żona tal-euro.</p>

Tabella 6. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar il-produzzjoni (volum)

Varjabbli	140101. Produzzjoni (volum)
Unità tal-kejl	Indiċijiet: mhux aġġustati, aġġustati kalendarjament u aġġustati staġunalment
Popolazzjoni statistika	Attivitajiet tas-suq NACE Taqsimiet B, C, D (minbarra D353), F, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O
Diżaggregazzjonijiet	<p>Diżaggregazzjoni skont l-attività</p> <p>Għall-pajjiżi kollha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — MIGs NACE Taqsimiet B, C u D (minbarra l-Grupp D353) kif definit fl-Anness II.A (MIG Enerġija minbarra l-Grupp D353 u Taqsima E); — Aggregati NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — B + C + D (minbarra D353), H + I + J + K + M + N (minbarra N701, N72 u N75) + O; — NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — B, C, D (minbarra D353), F, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O; — Diviżjonijiet NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O. <p>Għall-pajjiżi medji u kbar kif definit fl-Anness III.A.2:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Barra minn hekk, Diviżjonijiet NACE Taqsimiet B, C, D (minbarra D353) u F <p>Għall-pajjiżi l-kbar kif definit fl-Anness III.A.2:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Barra minn hekk, Gruppi u Klassijiet NACE Taqsima C (li jirrapreżentaw tal-anqas 90 % tal-valur miżjud tat-Taqsima C).

	Id-diżaggregazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-pajjiżi medji u kbar huma fakultattivi għall-pajjiżi ż-żgħar; id-diżaggregazzjonijiet addizzjonali għall-pajjiżi l-kbar huma fakultattivi għall-pajjiżi medji (kif definit fl-Anness III.A.2).
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	T + xahar + 10 ijiem għal NACE Taqsimiet B, C, D (minbarra D353) Għal NACE Taqsima F: — għall-pajjiżi medji u kbar: T + xahar + 15-il jum; — għall-pajjiżi ż-żgħar: T + xahrejn; T + xahrejn għal NACE Taqsimiet H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72, N75) u O.
L-ewwel perjodu ta' referenza bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-tabella	Jannar 2025, li jibda bit-trażmissjoni tad- <i>data</i> li timplimenta l-bidla tas-sena bażi għall-2025, f'konformità mal-Anness VII, il-punt 2

Tabella 7. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar il-volum tal-bejgħ

Varjabbli	140201. Volum tal-bejgħ
Unità tal-kejl	Indiċijiet: mhux aġġustati, aġġustati kalendarjament u aġġustati staġunalmment
Popolazzjoni statistika	Attivitajiet tas-suq NACE G
Diżaggregazzjonijiet	Diżaggregazzjoni skont l-attività Għall-pajjiżi kollha: — NACE Taqsima G; — Diviżjonijiet NACE Taqsima G; — Aggregat tal-Gruppi NACE Diviżjoni G47 mingħajr Grupp G473; — Aggregat NACE Klassi G4711 + NACE Grupp G472; — Aggregat NACE Klassi G4712 + NACE Gruppi G474 + G475 + G476 + G477 + G478 + G479; — NACE Grupp G473 Għall-pajjiżi medji u kbar kif definit fl-Anness III.A.2: — Barra minn hekk Gruppi NACE Taqsima G, NACE Klassijiet G4711 u G4712. Id-diżaggregazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-pajjiżi medji u kbar huma fakultattivi għall-pajjiżi ż-żgħar (kif definit fl-Anness III.A.2).
Skadenza għat-trażmissjoni tad- <i>data</i>	T + xahrejn għad- <i>data</i> ta' kull xahar għal: Għal NACE — Taqsima G;

	<ul style="list-style-type: none"> — Diviżjoni G46; — Gruppi G461, G462, G463, G464, G465, G466, G467, G468, G469, G471, G472, G474, G475, G476, G477, G478 u G479; — Il-klassijiet G4711 u G4712. <p>T + xahar għad-<i>data</i> ta' kull xahar għal:</p> <p>Għal NACE</p> <ul style="list-style-type: none"> — Diviżjoni G47; — Aggregat Diviżjoni G47 mingħajr Grupp G473; — Aggregat NACE Klassi G4711 + Grupp G472; — Aggregat NACE Klassi G4712 + Gruppi G474 + G475 + G476 + G477 + G478 + G479; — Grupp G473.
L-ewwel perjodu ta' referenza bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-tabella	Jannar 2025, li jibda bit-trażmissjoni tad- <i>data</i> li timplimenta l-bidla tas-sena bażi għall-2025, f'konformità mal-Anness VII, il-punt 2.

Tabella 8. Statistika tan-negozju ta' terminu qasir dwar il-fatturat nett (valur)

Varjabbli	<p>140301. Fatturat nett (valur)</p> <p>140302. Fatturat domestiku nett (valur)</p> <p>140303. Fatturat mhux domestiku nett (valur)</p> <p>140304. Fatturat mhux domestiku nett (valur) (żona tal-euro) (fakultattiva għall-pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro)</p> <p>140305. Fatturat mhux domestiku nett (valur) (mhux fiż-żona tal-euro) (fakultattiva għall-pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro)</p>
Unità tal-kejl	Indiċijiet: mhux aġġustati u aġġustati kalendarjament għall-attivitajiet kollha kif ukoll aġġustati staġunalment għal NACE Taqsimiet G, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O
Popolazzjoni statistika	<p>Għall-varjabbli 140301 (fatturat nett (valur)): NACE Taqsimiet B, C, G, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O;</p> <p>Għall-varjabbli 140302 (Fatturat domestiku nett (valur)), 140303 (Fatturat mhux domestiku nett (valur)), 140304 (Fatturat mhux domestiku nett (valur) (żona tal-euro) (fakultattiva għall-pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro)) u 140305 (Fatturat mhux domestiku nett (valur) (mhux fiż-żona tal-euro) (fakultattiva għall-pajjiżi mhux fiż-żona tal-euro)): NACE Taqsimiet B u C.</p>
Diżaggregazzjonijiet	<p>Diżaggregazzjoni skont l-attività</p> <p>Għall-varjabbli 140301 (fatturat nett (valur)):</p> <p>Għall-pajjiżi kollha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — MIGs NACE Taqsimiet B u C kif definit fl-Anness II.A (MIG Enerġija minbarra Taqsimiet D u E);

	<ul style="list-style-type: none"> — Aggregati NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — B + C, H + I + J + K + M + N (minbarra N701, N72 u N75) + O; — NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — B, C, G, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O; — Diviżjonijiet NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — G, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O; — NACE Diviżjoni G47 mingħajr Grupp G473; — NACE Grupp G473; — Aggregat NACE Klassi G4711 + Grupp G472; — Aggregat NACE Klassi G4712 + Gruppi G474 + G475 + G476 + G477 + G478 + G479. <p>Għall-pajjiżi medji u kbar kif definit fl-Anness III.A.2:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Barra minn hekk Diviżjonijiet NACE Taqsimiet B u C, Gruppi NACE Taqsima G, NACE Klassijiet G4711 u G4712. <p>Għall-varjabbli 140302 (Fatturat domestiku nett (valur)), 140303 (Fatturat mhux domestiku nett (valur)), 140304 (Fatturat mhux domestiku nett (valur) (żona tal-euro) u 140305 (Fatturat mhux domestiku nett (valur) (mhux fiż-żona tal-euro)):</p> <p>Għall-pajjiżi kollha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — MIGs NACE Taqsimiet B u C kif definit fl-Anness II.A (MIG Enerġija minbarra Taqsimiet D u E); — Aggregati NACE Taqsimiet B + C; — NACE Taqsimiet B u C. <p>Għall-pajjiżi medji u kbar kif definit fl-Anness III.A.2:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Barra minn hekk Diviżjonijiet NACE Taqsimiet B u C. <p>Id-diżaggregazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-pajjiżi medji u kbar huma fakultattivi għall-pajjiżi ż-żgħar (kif definit fl-Anness III.A.2).</p>
Skadenza għat-trażmissjoni tad-data	<p>T + xahrejn għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — MIGs NACE Taqsimiet B u C kif definit fl-Anness II.A (MIG Enerġija minbarra Taqsimiet D u E); — Aggregati NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — B + C, H + I + J + K + M + N (minbarra N701, N72 u N75) + O;

	<ul style="list-style-type: none"> — NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — B, C, G, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O; — Diviżjonijiet NACE Taqsimiet: <ul style="list-style-type: none"> — B, C, H, I, J, K, M, N (minbarra N701, N72 u N75) u O; — NACE Diviżjoni G46; — NACE Gruppi G461, G462, G463, G464, G465, G466, G467, G468, G469, G471, G472, G474, G475, G476, G477, G478 u G479; — NACE Klassijiet G4711 u G4712. <p>T + xahar għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — NACE Diviżjoni G47: <ul style="list-style-type: none"> — Aggregat NACE Diviżjoni G47 mingħajr il-Grupp G473; — Aggregat NACE Klassi G4711 + Grupp G472; — Aggregat NACE Klassi G4712 + Gruppi G474 + G475 + G476 + G477 + G478 + G479; — NACE Grupp G473.
<p>L-ewwel perjodu ta' referenza bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-tabella</p>	<p>Jannar 2025, li jibda bit-trażmissjoni tad-<i>data</i> li timplimenta l-bidla tas-sena bażi għall-2025, f'konformità mal-Anness VII, il-punt 2.</p> <p>Għall-Istati Membri li jissiehu fiż-żona tal-euro wara Diċembru 2024, huma meħtieġa l-varjabbli 140304 (Fatturat mhux domestiku nett (valur)(żona tal-euro)) u 140305 (Fatturat mhux domestiku nett (valur) (mhux fiż-żona tal-euro)) mill-bidu tas-sena tad-dħul fiż-żona tal-euro.”</p>

(3) it-tabelli 10 sa 21 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Tabella 10. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiżi dwar l-attivitajiet tal-intrapriżi

<p>Varjabbli</p>	<p>210101. Numru ta' intrapriżi attivi 220101. Numru ta' impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom 220102. Numru ta' impjegati 220103. Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti għall-full time 220201. Sigħat maħduma mill-impjegati 220301. Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati 220302. Pagi u salarji 220303. Kostijiet tas-sigurtà soċjali 240101. Xirjiet totali ta' oġġetti u servizzi 250101. Fatturat nett 250201. Marġni gross fuq oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid (tista' tiġi applikata r-regola ta' 1 % kif definita fl-Anness III.A.1 ibbażata fuq “fatturat nett” u “numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom” fil-livell tad-diviżjonijiet tan-NACE)</p>
------------------	--

	<p>250301. Valur tal-output 250401. Valur miżjud 250501. Surplus operatorju gross 260101. Investiment gross f'assi mhux kurrenti tanġibbli 260106. Investiment gross f'assi mhux kurrenti intanġibbli, minbarra avvjament (tista' tiġi applikata r-regola ta' 1 % kif definita fl-Anness III.A.1 ibbażata fuq il-"fatturat nett" u n-"numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom" fil-livell tad-diviżjonijiet tan-NACE) 260108. Rikavati mill-bejgħ ta' investimenti tanġibbli (tista' tiġi applikata r-regola ta' 1 % kif definita fl-Anness III.A.1 ibbażata fuq "fatturat nett" u "numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom" fil-livell tad-diviżjonijiet tan-NACE)</p>
Unità tal-kejl	<p>Munita nazzjonali (eluf) għajr għall-varjabbli 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom), 220102 (Numru ta' impjegati), 220103 (Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time) u 220201 (Sigħat maħduma mill-impjegati): valur assolut</p>
Popolazzjoni statistika	<p>Għall-varjabbli għajr 250201 (Marġni gross fuq l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid), 260106 (Investiment gross f'assi mhux kurrenti intanġibbli, minbarra l-avvjament) u 260108 (Rikavati mill-bejgħ ta' investimenti tanġibbli): Produtturi tas-suq NACE Taqsimiet B sa O u Q sa S u Diviżjonijiet T95 u T96.</p> <p>Għall-varjabbli 250201 (Marġni gross fuq oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid) u 260108 (Rikavati mill-bejgħ ta' investimenti tanġibbli): Produtturi tas-suq NACE Taqsimiet B sa G.</p> <p>Għall-varjabbli 260106 (Investiment gross f'assi mhux kurrenti intanġibbli għajr avvjament): Produtturi tas-suq NACE Taqsimiet B sa E.</p>
Diżaggregazzjonijiet	<p>Diżaggregazzjoni skont l-attività (tista' tiġi applikata marka CETO kif definit fl-Anness III.B)</p> <p>Għall-varjabbli kollha għajr għall-varjabbli 260106 (Investiment gross f'assi mhux kurrenti intanġibbli, minbarra l-avvjament) u 260108 (Rikavati mill-bejgħ ta' investimenti tanġibbli); għall-varjabbli 250201 (Marġni gross fuq l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid) NACE Taqsimiet B sa G biss:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal NACE Taqsimiet B sa K, M sa O u Q sa S: taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi u klassijiet; — Għal NACE Taqsima L: It-Taqsima, id-Diviżjonijiet, il-Gruppi 64.1, 64.2, 64.3, 64.9, 65.1, 65.2 u 65.3, il-klassijiet 64.11, 64.19, 65.11, 65.12, 65.20 u 65.30; — Għad-diviżjonijiet 95 u 96: diviżjonijiet, gruppi u klassijiet; — Aggregati speċjali kif definit fl-Anness II.B għal: <ul style="list-style-type: none"> — Industrija, kostruzzjoni u servizzi (għajr l-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, is-sigurtà soċjali obbligatorja, l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' sħubija, l-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u l-organizzazzjonijiet u korpi ekstrasettorjali),

	<ul style="list-style-type: none"> — Total tal-ICT, — Manifattura tal-ICT, — Servizzi tal-ICT, — Manifattura ta' teknoloġija avvanzata u medja sa avvanzata (fakultattiva), — Manifattura ta' teknoloġija avvanzata, — Manifattura ta' teknoloġija medja sa avvanzata, — Manifattura ta' teknoloġija baxxa u medja sa baxxa (fakultattiva), — Manifattura ta' teknoloġija medja sa baxxa, — Manifattura ta' teknoloġija baxxa, — Settur tal-informazzjoni, — Servizzi relatati mal-kompjuters, — Total tas-servizzi b'għarfien intensiv (fakultattiva), — Servizzi ta' teknoloġija avvanzata b'għarfien intensiv, — Servizzi tas-suq b'għarfien intensiv, — Servizzi finanzjarji b'għarfien intensiv, — Servizzi oħra b'għarfien intensiv (fakultattiva), — Attivitajiet b'għarfien intensiv – Industrij tan-negozju, — Attivitajiet b'għarfien intensiv (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu (total) (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu (primarjament turiżmu) (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu (parzjalment turiżmu) (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu — Trasport (total) (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu — Trasport fuq l-art (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu — Trasport fuq l-ilma (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu — Akkomodazzjoni (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu — Ikel u xorb (total) (fakultattiva), — Industrij tat-turiżmu — Kiri ta' karożżi u kiri ieħor (total) (fakultattiva).
--	---

	<ul style="list-style-type: none"> — Servizzi (għajr l-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, is-sigurtà soċjali obbligatorja, l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' sħubija, l-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u l-organizzazzjonijiet u korpi ekstrasettorjali). <p>Għall-varjabbli 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom), 220102 (Numru ta' impjegati), 220302 (Pagi u salarji), 250101 (Fatturat nett) u 250401 (Valur miżjud):</p> <ul style="list-style-type: none"> — barra minn hekk, Aggregati speċjali kif definit fl-Anness II.B għal: <ul style="list-style-type: none"> — Setturi kulturali u kreattivi – total; — Setturi kulturali u kreattivi – servizzi. <p>Għall-varjabbli 260106 (Investiment gross f'assi mhux kurrenti intanġibbli, minbarra avvjament) u 260108 (Rikavati mill-bejgħ ta' investimenti tanġibbli):</p> <p>NACE Taqsimiet u diviżjonijiet.</p>
<p>Użu ta' approssimazzjonijiet u rekwiżiti ta' kwalità</p>	<p>Għall-attivitajiet NACE 642, 643 u 653 li mhumiex ekonomikament sinifikanti f'termini ta' valur miżjud u ta' numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom, jistgħu jiġu pprovduti valuri 0 għajr għall-varjabbli 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi) u 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom). Jekk 220102 (numru ta' impjegati) ma jkunx 0, jenħtieġ li l-valur jiġi pprovdut ukoll.</p> <p>F'każijiet li fihom id-<i>data</i> sors użata għall-kumpilazzjoni tad-<i>data</i> tal-varjabbli tkun disponibbli għas-sena fiskali għal xi unitajiet statistiċi u din id-<i>data</i> ma tkunx tista' tiġi kkalkolata mill-ġdid sabiex tkopri s-sena kalendarja, id-<i>data</i> tas-sena kalendarja tista' tiġi approssimata bid-<i>data</i> dwar is-sena fiskali għal dawn l-unitajiet statistiċi.</p>
<p>Skadenza għat-trażmissjoni tad-<i>data</i></p>	<p><i>Data</i> preliminari: T + 10 xhur għal NACE Taqsimiet, Diviżjonijiet u Gruppi għall-varjabbli 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom) u 250101 (Fatturat nett).</p> <p><i>Data</i> finali u validata: T + 18-il xahar għall-varjabbli kollha.</p>
<p>L-ewwel perjodu ta' referenza bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-tabella</p>	<p>2025</p>

Tabella 11. Statistika tan-negozju fil-livell tal-pajjiżi dwar l-attivitajiet tal-intrapriżi diżaggregati skont il-klassijiet tad-daqs jew diżaggregati skont il-forma ġuridika

<p>Varjabbli</p>	<p>210101. Numru ta' intrapriżi attivi 220101. Numru ta' impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom 220102. Numru ta' impjegati 220201. Siġħat maħduma mill-impjegati 220301. Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati</p>
------------------	---

	<p>220302. Pagi u salarji 220303. Kostijiet tas-sigurtà soċjali 240101. Xirjiet totali ta' oġġetti u servizzi 250101. Fatturat nett 250301. Valur tal-output 250401. Valur miżjud 250501. Surplus operatorju gross</p>
<p>Unità tal-kejl</p>	<p>Munita nazzjonali (eluf) għajr għall-varjabbli 210101 (numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom), 220102 (Numru ta' impjegati) u 220201 (Sigħat maħduma mill-impjegati): valur assolut</p>
<p>Popolazzjoni statistika</p>	<p>Għad-diżaggregazzjoni skont l-attività u l-klassi tad-daqs tan-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom tal-varjabbli 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom), 250101 (Fatturat nett) u 250401 (Valur miżjud) u għad-diżaggregazzjoni skont l-attività u l-forma ġuridika u għad-diżaggregazzjoni skont l-attività u l-klassi tad-daqs tan-numru ta' impjegati tal-varjabbli 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom) u 220102 (Numru ta' impjegati): Produtturi tas-suq NACE Taqsimiet B sa O u Q sa S u Diviżjonijiet T95 u T96.</p> <p>Għad-diżaggregazzjoni skont l-attività u l-klassi tad-daqs tal-fatturat tal-varjabbli 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom), 250101 (Fatturat nett) u 250401 (Valur miżjud): Produtturi tas-suq NACE Taqsima G.</p> <p>Għad-diżaggregazzjoni skont l-attività u l-klassi tad-daqs tan-numru ta' impjegati u ta' impjegati li jaħdmu għal rashom ta' varjabbli oħra li mhumiex 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom), 250101 (Fatturat nett) u 250401 (Valur miżjud): Produtturi tas-suq NACE Taqsimiet B sa F.</p>
<p>Diżaggregazzjonijiet</p>	<p>1. Diżaggregazzjoni skont l-attività u l-klassi tad-daqs tan-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom (tista' tiġi applikata marka CETO kif definit fl-Anness III.B)</p> <p>Id-data għandha tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt:</p> <p><i>Diżaggregazzjoni tal-attività:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal NACE Taqsimiet B sa K, M sa O u Q sa S: Taqsimiet, diviżjonijiet u gruppi; — Għal NACE Taqsima L: Taqsima, diviżjonijiet, gruppi 64.1, 64.2, 64.3, 64.9, 65.1, 65.2 u 65.3; — Għad-diviżjonijiet 95 u 96: diviżjonijiet u gruppi;

- Aggregat speċjali kif definit fl-Anness II:
 - Industrija, kostruzzjoni u servizz (għajr l-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, is-sigurtà soċjali obbligatorja, l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' sħubija, l-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u l-organizzazzjonijiet u korpi ekstrasettorjali).

Klassi tad-daqs tan-numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom:

- Għal NACE Taqsimiet F sa K, M sa O u Q sa S u diviżjonijiet T95 u T96 biss għall-varjabbli 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi) u 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom): Total, minn 0 sa impjegat/persuna li taħdem għal rasha 1, 2-9 impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom, 10-19-il impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 20-49 impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 50-249 impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 250 impjegat u persuna li taħdem għal rasha u aktar;
- Għal NACE Taqsimiet F sa K, M sa O u Q sa S u diviżjonijiet T95 u T96, għall-varjabbli għajr 210101 (Numru ta' intrapriżi attivi) u 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom): Total, minn 0 sa 9 impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom, 10-19-il impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 20-49 impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 50-249 impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 250 impjegat u persuna li taħdem għal rasha u aktar;
- Għal NACE Taqsimiet B sa E u L: Total, minn 0 sa 9 impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom, 10-19-il impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 20-49 impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 50-249 impjegat u persuna li taħdem għal rasha, 250 impjegat u persuna li taħdem għal rasha u aktar.

2. Diżaggregazzjoni skont l-attività u l-klassi tad-daqs tan-numru ta' impjegati (tista' tiġi applikata marka CETO kif definita fl-Anness III.B)

Għall-varjabbli 210101 (numru ta' intrapriżi attivi), 220101 (Numru ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom) u 220102 (Numru ta' impjegati) biss:

Id-data għandha tiġi pprovduta bħala kombinazzjoni tad-diżaggregazzjonijiet kollha elenkati hawn taħt:

Diżaggregazzjoni tal-attività:

- NACE taqsimiet;
- Aggregati NACE diviżjonijiet:
 - C10 + C11 + C12, C13 + C14, C17 + C18, C24 + C25, C29 + C30, C31 + C32;
- NACE diviżjonijiet:
 - C15, C16, C19, C20, C21, C22, C23, C26, C27, C28, C33, T95, T96 u d-diviżjonijiet kollha NACE Taqsimiet G, H, I, J, K, L, M, N, O, Q, R u S;

